PDF Compressor Pro





*Mument waqt il-mima tar-rebħa tal-Għawdxin fuq il-Franċiżi*

# Iċċelebrat Jum Għawdex

Fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex, rappreżentanza minn kull skola f'Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, inġabru fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk) fir-Rabat Għawdex sabiex jiċċelebraw dan il-Jum.

Din iċ-ċelebrazzjoni tfakkar il-jum storiku tat-28 ta' Ottubru 1798 meta l-Arċipriet Saver Cassar mexxa l-qawmien tal-Għawdxin kontra l-qawwiet Franċizi li tat bidu għal sentejn ta' Gvern proviżorju mmexxi mill-Għawdxin stess.

L-Innu lil Għawdex, l-Innu ġdid lill-Eroj Għawdxi l-Arċipriet Cassar, l-Innu tal-Kulleġġ u l-Innu Nazzjonali tkantaw mill-Kor tat-tfal ta' *year 5* tal-Iskola Primarja ta' Victoria. Saret ukoll rappreżentazzjoni animata dwar l-Eroj Għawdxi, l-Arċipriet Saver Cassar u r-rebħa tal-Għawdxin fuq il-Franċiżi, fit-28 ta' Ottubru 1798.

Sar diskors ta' merħba minn Vincent Grech, Ċermen Kumitat Ċelebrazzjonijiet Reġjonali u Nazzjonali. Wara illi Frank Gatt, il-Prinċipal tal-*Gozo College* ta messaġġ tal-okkażjoni.

Il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono ppresediet din iċ-ċerimonja. Hija qalet, li huwa xieraq lil kemm it-tfal kif ukoll l-istudenti Għawdxin jitgħallmu dwar l-istorja glorjuża ta' Għawdex għaliex b'hekk jitnissel l-ispirtu ta' patrijottiżmu ħaj li jagħmel lill-Għawdxin kburin bl-identità Għawdxija.

Din l-attivita' ġiet iċċelebrata mill-Kumitat Ċelebrazzjoni Reġjonali u Nazzjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex flimkien mal-Kulleġġ ta' Għawdex.



*Jidhru wħud mit-tfal tal-Kor tal-Iskola Primarja ta' Victoria waqt il-kant tal-Innu lil Għawdex*

## MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri



# Għawdex irreklamat permezz ta' kontejner



*Studenti mill-iskola primarja tar-Rabat, Għawdex flimkien ma' għalliema u kapijiet ta' skejjel u xi barranin jidhru quddiem il-kontejner, fid-daħla taċ-Ċentru għal Studji Ogħla fir-Rabat.*

Kontejner li normalment jintuża biex iġorr merkanzija f'pajjiżi madwar il-Mediterran telaq bl-avventuri tiegħu mill-Gżira ta' Għawdex. Dan il-kontejner ivvjaġġa madwar it-toroq ta' Għawdex u issa madwar toroq ta' bliet u rħula Ewropej, biex iwassal messaġġ interkulturali permezz ta' lingwaġġ viżiv magħmul minn tfal li ġejjin minn tliet pajjiżi li ħadu sehem fil-proġett *Port & City* taħt il-programm ta' l-*Unjoni Ewropea Comenius*. Dan il-messaġġ twassal permezz ta' tpinġijiet ta' tfal minn diversi skejjel, dik primarja tal-Belt Victoria f'Għawdex, Bastia u La Spezia li mbagħad ġew trasferiti għal fuq tlett iġnub tal-kontejner mill-artisti Taljani Gabriele Landi u Valeria Tognoni. It-tpinġijiet jiffukaw fuq postijiet u tradizzjonijiet marbuta mal-lokalitajiet tat-tfal. F'dawk ta' Għawdex jispikkaw fost l-oħrajn it-tieqa tad-Dwejra, il-Ġgantija, id-dagħjsa tal-latini, iċ-Ċittadella, ħitan tas-sejjiegħ, il-merill, il-bandiera Maltija u s-salib ta' Malta li huma mpittrin fuq sfond kaħlani u mdawra b'weraq tal-bajtar tax-xewk.

Il-proġett 'L-Avventuri ta' kontejner kbir' kellu oriġini fi skejjel minn La Spezia fl-Italja fl-2002 bil-għan li jippromwovi skambji interkulturali bejn skejjel li jinsabu f'pajjiżi fil-Mediterran. Minbarra li jagħti opportunità lill-istudenti biex isiru jafu aktar dwar territorji oħrajn, dan il-proġett għandu l-għan ukoll li jwassal messaġġi permezz ta' lingwaġġ differenti bħal ma hi l-arti, biex b'hekk jagħrfu jirriflettu fuq id-diversità bħala riżors u valur. F'dawn is-snin ipparteċipaw bosta skejjel minn pajjiżi Ewropej u ta' kull sena ġie mniedi kontejner differenti li wassal messaġġi relatati ma' temi magħżula. Permezz talparteċipazzjoni taċ-Ċentru għal Studji Ogħla Sir M A Refalo ta' Għawdex, din is-sena ġew involuti tliet klassijiet mill-iskola primarja ta' Victoria Għawdex, fejn ħafna studenti ssottomettew tpinġijiet għal dan il-proġett.

It-tfal kellhom okkażjoni li jattendu għall-inawgurazzjoni ta' dan il-kontejner li saret minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, fil-preżenza tal-kapijiet ta' l-iskejjel u għalliema involuti fosthom seba' barranin. Preżenti wkoll kien hemm il-Prinċipal tal-*Gozo College* u uffiċjali mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni f'Għawdex. Il-Ministru Debono f'kelmtejn tal-okkazjoni, faħħret l-inizjattiva tal-iskejjel Għawdxin li minbarra li ser tkun qed tilħaq l-objettivi tal-proġett li tagħmel parti minnu, ser isservi wkoll biex Għawdex ikun irreklamat tul il-kilometri li ser ikun qed jivvjaġġa l-kontejner fil-pajjiżi kollha li ser jgħaddi minnhom. L-attività tal-inawgurazzjoni ntemmet billi t-tfal skoprew sorpriża li ntbagħtet lilhom minn sħabhom fl-Italja ġewwa l-kontejner.

L-avventura tal-kontejner li ser ikun qed iwassal il-messaġġ talproġett *Port&City* ta' din is-sena bdiet fit-28 ta' Settembru li għadda meta l-kontejner telaq mit-terminal tal-Golf ta' La Spezia għal Malta. Minn hemm ġie trasferit lejn Għawdex bil-għajnuna ta' żewġ kumpaniji li joperaw fil-ġarr tal-merkanzija f'Malta u Għawdex. Wara li dar mat-toroq ta' Għawdex issa beda triqtu madwar diversi portijiet u toroq f'pajjiżi Ewropej bi prodott mhux tas-soltu li jippromwovi proġett Ewropew b'kollaborazzjoni bejn Malta, l-Italja u Franza.

# Grupp ta' Żgħażagħ fl-Italja

Grupp ta' 28 żagħżugħ u żagħżugħa mill-Oratorju Don Bosco, kienu reċentement fl-Italja fuq programm ta' skambju. F'Kastel Gandolfo f'Ruma, il-grupp iltaqa' mas-segretarju tal-Papa, Mons Alfred Xuereb, *past-pupil* tal- Oratorju Don Bosco. Il-grupp kien akkumpanjat mid-Direttur tal-Oratorju, Dun Effie Masini.



*Il-Grupp taż-żgħażagħ flimkien mas-segretarju tal-Papa, Mons Alfred Xuereb (fin-nofs)*



## Sett ta' żewġ DVD's dwar il-festa tal-Assunzjoni ta' Marija




*Dawn iż-żewġ DVD's juru l-festa ta' Santa' Marija ta' H'Attard, Ħad Dingli, Ħal Għaxaq il-Gudja, l-Mġarr (Malta), l-Mqabba, il-Katidral ta' Għawdex, il-Mosta, Il-Qrendi u ż-Żebbuġ (Għawdex)*

*Min irid jixtri kopja ta' dan is-Sett għandu jċempel*

**The Maltese Herald**
**(02) 9637 9992**

## Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***